**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

### SEDUTA NRU. 9 – IT-TNEJN, 15 TA' ĠUNJU 2015

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joe Micallef | Viċi *Chairperson (wasal fis-18:15)* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Maria Vella | Membru |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Qabel ma bdiet il-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li s-Sinj. Maria Vella kienet infurmatu li ma setgħetx tattendi.

1.2. Is-SE informa wkoll li minkejja li fil-laqgħa ta' qabel kien maqbul li l-laqgħa ssir f'data qabel, minħabba li kien hemm numru li ma setgħux jattendu ma setgħetx issir fid-data deċiża.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

2.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 8 kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**3. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON**

3.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-kuntrattur assenjat biex jagħmel ix-xogħol tat-turf kien informa li x-xogħol se jkun lest l-Erbgħa 17 ta' Ġunju.

3.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li mal-ġnien kienet assenjata Perit oħra (Margaret Zammit). Infurmat li l-CCTV cameras kienu rranġawhom u qed jaħdmu tajjeb madanakollu hemm camera difettuża. Għalhekk il-kuntrattur involut se jibgħat stima u jekk il-Perit tikseb l-approvazzjoni tordna l-irranġar tagħha.

**4. NEWSLETTER**

4.1. Iċ-Chairperson fakkret li kienet diġà lestiet xi materjal għall-fuljett u għaddietu l-uffiċċju tal-Kunsill iżda kienet konxja li dak iż-żmien kien hemm ammont ta' xogħol għaddej u għalhekk tifhem li ċertu xogħol kellu jaqa' lura. Is-SE informa li se jara x'ġara mill-materjal.

4.2. Is-Sinj. Cuomo esprimiet ix-xewqa li jkun hemm xi ħadd li jieħu ħsiebu. Issuġeriet li jkunu jistgħu jgħinnu fuqu l-istudenti tal-Marketing tal-MCAST.

4.3. Is-Sinj. Muscat offriet li tistaqsi lit-tifel tagħha jekk jistax jgħin fih ukoll billi jipprepara l-artikli.

4.4. Is-Sinj. Cuomo issuġeriet li jsir ukoll avviż biex id-doggy bins jintużaw tajjeb.

## 5. ATTIVITAJIET GĦAX-XHUR LI ĠEJJIN

5.1. Is-Sinj. Muscat infurmat li kienet qed tikkordina attività li se ssir flimkien mal-Knisja Santa Marija tal-Anġli. Din tikkonsisti f'ġita għal Sqallija bil-katamaran bl-isem *The Godfather Excursion*. Din se tkun l-aħħar attività għas-sajf u għaliha l-Kumitat mhux se jonfoq flus għaliex min jattendi se jkun qed iħallas għall-ispejjeż kollha.

5.2. Il-Kumitat qabel.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1. Is-Sinj. Muscat semmiet li fi triqtha, quddiem darha kien hemm vann kbir li tħalla għal ġimgħa sħiħa fl-istess post.

6.2. Is-Sinj. Abela infurmat li kien qiegħed ikun hemm ksur tar-regolamenti tat-traffiku billi xi vetturi qed jgħaddu kontra d-direzzjoni minn Triq is-Sikka lejn Triq A M Caruana. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Gwardjani ġieli ġew anki bil-lejl u għalhekk din hija kwistjoni ta' infurzar għaliex mill-bqija ftit li xejn wieħed jista' jagħmel aktar.

6.3. Is-Sinj. Abela rrappurtat li hemm trakkijiet fi Triq id-Dwieli li qed iqattru ż-żejt. Dawn qed jitraqqdu barra bil-lejl ukoll. Is-SE informa li dawn mhux suppost jitraqqdu barra u għalhekk talab li jkollu n-numri tal-vetturi biex jieħu passi.

6.4. Inġibdet l-attenzjoni dwar it-triq li tagħti lejn Triq Santa Klara għax qed tkun bil-ħmieġ. Is-SE wiegħed li se jara x'jista' jsir.

6.5. F'dan il-ħin wasal is-Sur Micallef.

6.6. Is-Sinj. Abela semmiet problemi minn garaxxijiet fi Triq il-Lampara speċjalment minħabba ranep li għandhom u li dawn uħud minnhom ma jintużawx bħala garaxxijiet. Is-SE ġibed l-attenzjoni għall-fatt li jekk il-garaxxijiet ikunu bil-permess ta' garaxx allura l-Kunsill m'għandux il-mezzi biex jiċċekkja jekk humiex jintużaw hekk jew le. Iżda jekk ir-residenti jkunu jafu li mhux qed jintużaw bħala garaxx, allura għandhom kull dritt li jħallu l-vettura tagħhom quddiem l-entratura ta' dawn il-garaxxijiet.

6.7. Is-Sinj. Muscat infurmat li l-ħaxix fi Triq Xatt il-Palm inqata' imma s-Sibt ma reġgħux ġew. Is-SE għandu jindaga dwar min għandu r-responsabbiltà tal-qtugħ tal-ħaxix fiż-żona fejn kienet intefgħet il-ħamrija.

6.8. Il-Viċi Chairperson ġibed l-attenzjoni ta' klieb fi propjetà li għalkemm huma marbutin b'katina, m'hemmx grada f'din il-propjetà u għalhekk dawn il-klieb qed jaħsdu lin-nies. Dan qiegħed fi Triq il-Kosta qabel ma ddur lejn it-Telgħa tal-Madliena. Għandu jsir rapport l-għassa.

6.9. Is-Sinj. Cuomo ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li hemm diversi xogħlijiet fil-ġnien u m'għandiex min hu responsabbli minn kull qasam. Għalhekk kien hemm qbil li nindagaw biex naraw lil min inkunu nistgħu nikkuntattjaw f'każ ta' bżonn.

## 7. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISSI

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tnejn 13 ta' Lulju, 2015 għal-5:30pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fis-18:45pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |